

Brussell, 27 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12857/22

ECOFIN 918
FIN 970
UEM 230

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 483 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU U LILL-KUMITAT TAL-IMPJIEGI Rapport dwar l-Istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 skont l-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 SURE: Sentejn wara

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 483 final.

Mehmuż: COM(2022) 483 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2022
COM(2022) 483 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U FINANZJARJU U LILL-KUMITAT
TAL-IMPJIEGI**

**Rapport dwar l-Istrument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta'
qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19 skont l-Artikolu 14 tar-
Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672**

SURE: Sentejn wara

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Dan ir-rapport huwa r-raba' rapport biannwali dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE). Dan jikkonferma s-sejbiet deskritti fir-rapporti preċedenti u jippreżenta l-operazzjonijiet u l-użu tal-istrument sal-lum u jirrieżamina l-impatti soċjoekonomiċi tiegħu. SURE huwa strument għall-kriżi, b'daqs ta' EUR 100 biljun, li holqitu l-Unjoni Ewropea (UE) biex tgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjiegi u l-introjti tal-ħaddiema fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19. SURE huwa wkoll espressjoni qawwija ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri permezz tal-UE: l-Istati Membri kollha qablu li jipprovdu garanziji bilaterali lill-UE sabiex l-Unjoni tkun tista' tissellef mis-swieq b'kundizzjonijiet favorevoli ħafna biex tiffinanzja s-self ta' SURE.

Strument ġdid stabbilit malajr bħala reazzjoni għall-impatt soċjoekonomiku tal-pandemija

L-implimentazzjoni tal-istrument kienet rapida u bla xkiel. Bħala parti mir-rispons inizjali tal-UE għall-pandemija, il-Kummissjoni pproponiet ir-Regolament SURE fit-2 ta' April 2020, u r-Regolament kien adottat mill-Kunsill fid-19 ta' Mejju 2020. Il-pakkett finanzjarju ta' EUR 100 biljun sar disponibbli fit-22 ta' Settembru 2020, wara li l-Istati Membri kollha ffirmaw il-ftehimiet ta' garanzija. Il-Kummissjoni ħaffet l-implimentazzjoni tal-istrument billi ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri. Il-biċċa l-kbira tal-assistenza finanzjarja mogħtija għet żborżata f'seba' xhur biss, minn Ottubru 2020 sa Mejju 2021. F'Marzu 2022 sar żborż ieħor biex jakkomoda lill-Istati Membri li kienu jippreferu jirċievu fondi aktar tard.

L-UE ħarġet bonds soċjali għall-ewwel darba biex tiffinanzja l-assistenza finanzjarja ta' SURE lill-Istati Membri. Minbarra r-rekwiżiti tar-Regolament SURE, dan ir-rapport jipprovdi wkoll ir-rapportar rilevanti taħt il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE, u jikkonferma mill-ġdid li l-infiq ta' SURE kien allinjat tajjeb mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.

Il-Kummissjoni ħarġet b'suċċess EUR 2,2 biljun oħra ta' bonds soċjali ta' SURE f'Marzu 2022. Is-sottoskrizzjoni żejda kbira tal-bond maħruġ tkompli turi l-fiduċja tal-investituri fil-kapaċità ta' finanzjament tal-UE u fir-robustezza tal-programm SURE. Wara din it-tranżazzjoni u dan l-iżborż ta' bonds soċjali tat-tmien SURE, ġew żborżati EUR 91,8 biljun ta' assistenza finanzjarja lil 19-il Stat Membru, u dan jikkorrispondi għal kważi l-ammont kollu mogħti mill-Kunsill (EUR 93,3 biljun, wara d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill reċenti dwar ir-Rumanija).

L-użu kontinwu ta' SURE mill-Istati Membri benefiċjarji

Dan ir-rapport jikkonferma l-istima preċedenti li fl-2020, meta faqqgħet il-pandemija, SURE kopra madwar 31,5 miljun persuna u 2,5 miljun ditta. Dan jirrappreżenta kważi terz tal-impjiegi totali u tad-ditti totali fl-Istati Membri benefiċjarji. L-SMEs kienu r-riċevituri primarji ta' assistenza finanzjarja ta' SURE. L-aktar setturi appoġġati kienu servizzi intensivi fil-kuntatt (akkomodazzjoni u servizzi tal-ikel, kummerċ bl-ingrossa u bl-immut), u manifattura.

Fl-2021, b'mod partikolari fl-ewwel nofs tas-sena meta l-pandemija kienet għadha qed toħloq il-problemi, SURE kompli jappoġġa madwar 9 miljun persuna u aktar minn 800 000 ditta. Il-miżuri ta' appoġġ ekonomiku kienu għadhom meħtieġa fl-ewwel nofs tal-2021

iżda sussegwentement tneħħew gradwalment peress li kemm l-impatt ekonomiku kif ukoll l-impatt fuq is-saħħa tal-pandemija naqas aktar tard fis-sena, minħabba t-tilqim u l-adattament tal-ekonomiji għall-bidliet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19.

Fl-ewwel nofs tal-2022, meta l-biċċa l-kbira tan-nefqa ta' SURE tneħħiet gradwalment, diversi Stati Membri xorta estendew l-iskemi ta' xogħol tagħhom b'ħinijiet iqsar relatati mal-pandemija. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ma baqgħux jużaw SURE fl-2022 u t-tnaqis tal-impatt tal-pandemija ra n-nefqa ta' SURE ta' kull xahar tonqos għal ammonti negliġibbli. Fl-istess ħin, in-nefqa mnaqqsa fl-2022 hija stmata li xorta waħda appoġġat madwar 220 000 persuna u 10 000 ditta fi tliet Stati Membri.

Issa seħħet kważi n-nefqa pubblika ppjanata kollha taħt SURE. In-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE issa hija mistennija li tilħaq EUR 119-il biljun fl-Istati Membri benefiċjarji. Dan huwa ferm aktar mill-assistenza finanzjarja totali mogħtija (EUR 93 biljun), peress li xi Stati Membri ssupplimentaw il-finanzjament ta' SURE għal miżuri eliġibbli b'finanzjament nazzjonali, li juri r-rilevanza tal-miżuri appoġġati minn SURE għall-Istati Membri. Nofs in-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE kienet allokata għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. Terz ġie allokata għal miżuri simili għal dawk li jaħdmu għal rashom. Il-bqija tan-nefqa pubblika ġiet allokata għal miżuri ta' sussidju tal-pagi u miżuri relatati mas-saħħa. In-natura anċillari tan-nefqa relatata mas-saħħa, bi 3,2 % biss tan-nefqa totali, ġiet ikkonfermata għal darb'oħra, filwaqt li 38 % minnha kienet tikkonċerna miżuri meħuda fuq il-post tax-xogħol, biex tiġi żgurata t-tkomplija sikura tan-negozju, kif issuġġerit mir-Regolament SURE.

L-assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa kbir għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri u qed jiġi indirizzat f'żewġ Stati Membri fejn kien aktar baxx. F'Lulju 2022, il-Kunsill emenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (CID) għar-Rumanija biex tinkludi 21 miżura addizzjonali u tnaqqas l-ammont mogħti għall-ammont diġà żborżat (EUR 3 biljun). Dan naqqas b'mod sinifikanti d-diskrepanza kbira fl-assorbiment identifikata fir-rapporti biannwali preċedenti, b'madwar tliet kwarti. Fil-Polonja, ġiet ikkonfermata diskrepanza moderata fl-assorbiment bejn in-nefqa totali u l-ammont mogħti. Bħalissa għaddej djalogu tekniku mal-Kummissjoni biex jiġu inklużi miżuri eliġibbli addizzjonali fis-CID. L-implimentazzjoni tal-assistenza finanzjarja ta' SURE se tibqa' taħt monitoraġġ mill-qrib fiż-żewġ Stati Membri.

Valutazzjoni aġġornata tal-impatt ta' SURE

Ir-rispons politiku għall-kriżi tal-COVID-19, inkluż SURE, effettivament impedixxa lil madwar miljun u nofs persuna milli jispiciċaw qiegħda fl-2020. Iż-żieda fil-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet moderata ħafna, minkejja t-tnaqis kbir fl-output ekonomiku, u ferm aktar baxx milli mistenni. Dan inkiseb billi l-impjegati nżammu fid-ditti tagħhom u nżammet l-attività tal-ħaddiema għal rashom, li ppreveniet ukoll żieda fl-inugwaljanza fis-suq tax-xogħol billi naqqset id-dispersjoni tar-rati tal-qgħad, speċjalment fost il-benefiċjarji ta' SURE. Dan huwa f'kuntrast mal-iżviluppi li seħħew wara l-kriżi finanzjarja globali.

Il-protezzjoni tal-impjeggi fl-ewwel sentejn tal-pandemija waslet ukoll għal irkupru aktar rapidu fl-2021 milli fi kriżijiet preċedenti. Id-*data* tal-istħarriġ turi li SURE appoġġa s-setturi l-aktar affettwati mill-pandemija fl-2021. In-nefqa ta' SURE kienet ikkonċentrata wkoll fl-ewwel nofs tas-sena, meta l-miżuri ta' konteniment kienu aktar stretti. Dan jissuġġerixxi li SURE kien immirat lejn l-aktar ħtiġijiet urġenti billi jappoġġa s-setturi l-aktar milquta.

Huwa stmat li l-Istati Membri issa ffrankaw total ta' EUR 8,5 biljun f'pagamenti tal-imgħax billi rċevew assistenza finanzjarja permezz ta' SURE. Din iċ-ċifra żdiedet bit-tranżazzjoni tat-tmien SURE f'Marzu 2022.

Il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw SURE

Filwaqt li l-miżuri ta' emerġenza temporanji tal-COVID-19 huma mistennija li jitneħħew dejjem aktar gradwalment, il-fatt li l-pandemija terġa' taqbad fl-UE jibqa' riskju aktar ma jgħaddi ż-żmien. Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kważi neħħew kompletament ir-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 matul l-2022, ir-riskju li l-virus jerġa' jaqbad fix-xitwa qiegħed hemm.

L-assistenza finanzjarja li jifdal ta' SURE se tibqa' disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2022. Aktar minn EUR 6 biljun f'assistenza finanzjarja bħalissa għadhom disponibbli, sal-31 ta' Diċembru 2022. Dan l-ammont x'aktarx li jonqos b'mod sinifikanti sal-aħħar tal-2022, peress li diversi Stati Membri esprimew interess li jirċievu assistenza finanzjarja addizzjonali taħt SURE.

INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport huwa r-raba' rapport biannwali dwar l-istrument Ewropew għal Appoġġ temporanju biex jittaffew ir-Riskji ta' Qgħad f'Emerġenza (SURE). SURE ġie stabbilit mill-Unjoni Ewropea (UE) f'Mejju 2020 biex jgħin lill-Istati Membri jipproteġu l-impjegati u l-introjtu tal-ħaddiema matul il-pandemija tal-COVID-19¹. Dan jipprovdi assistenza finanzjarja (sa EUR 100 biljun) tal-Unjoni lill-Istati Membri li jitolbuha, fl-għamla ta' self b'kundizzjonijiet favorevoli. L-għan tas-self huwa li jgħin jiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar tal-Istati Membri jew miżuri simili li għandhom l-għan li jipproteġu lill-impjegati u lil ħaddiema għal rashom u, bħala element anċillari, xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fuq il-post tax-xogħol.

Dan ir-rapport biannwali huwa obbligu legali. Il-Kummissjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "il-Kummissjoni") adottatu f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 (ir-Regolament SURE)² biex twettaq l-obbligu tagħha li tirrapporta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Finanzjarju (KEF) u lill-Kumitat tal-Impjegati³. Ir-rapport li jmiss mistenni sa tmiem Marzu 2023. Id-data limitu għall-inklużjoni tal-informazzjoni f'dan ir-rapport kienet is-7 ta' Ġunju 2022 għar-rapportar mill-Istati Membri u t-28 ta' Awwissu 2022 għad-data epidemjoloġika⁴.

Dan ir-rapport jippreżenta data ġdida jew aġġornata li tikkonferma, minn Ġunju 2022, il-valutazzjonijiet pożittivi ta' SURE, ippreżentati fir-rapporti biannwali preċedenti. Is-sejbiet ewlenin tiegħu jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

- Fl-2020, huwa stmat li SURE kopra madwar 31,5 miljun persuna u 2,5 miljun ditta.
- Fl-2021, disa' miljun persuna u aktar minn 800 000 ditta kienu koperti minn SURE fi 13-il Stat Membru, b'eliminazzjoni gradwali ċara fl-2022 meta 220 000 persuna u 10 000 ditta kienu koperti fi tliet Stati Membri.
- Fl-2020, il-miżuri nazzjonali għas-suq tax-xogħol appoġġati minn SURE huma stmati li għenu b'mod effettiv biex jiġi pprevenut il-qgħad għal madwar 1,5 miljun persuna.
- Din l-azzjoni ta' politika kkontribwiet ukoll għat-tnaqqis tal-inugwaljanza fis-suq tax-xogħol billi naqqset id-dispersjoni tar-rati tal-qgħad, speċjalment fost il-benefiċjarji ta' SURE.
- 19-il Stat Membru ngħataw assistenza finanzjarja taħt SURE, li minnhom sebgħa ngħataw appoġġ addizzjonali supplimentari⁵.

¹ SURE jsegwi mil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni għall-2019–2024, li pproponew Skema Ewropea ta' Riassigurazzjoni tal-Benefiċċju tal-Qgħad biex tiproteġi liċ-ċittadini Ewropej u tnaqqas il-pessjoni fuq il-finanzi pubbliċi matul xokkijiet esterni. Wara t-tifqigħa tal-virus tal-COVID-19 fl-Ewropa, dan ġie stabbilit abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni tat-2 ta' April 2020.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1 (<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:32020R0672&from=mt>).

³ Skont l-Artikolu 14 tar-Regolament, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-użu tal-assistenza finanzjarja, inkluż ammonti pendenti u l-iskeda ta' ripagamenti applikabbli taħt SURE, u dwar il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tar-Regolament SURE (il-pandemija tal-COVID-19).

⁴ It-tabelli ta' rapportar kollha ġew inizjalment ippreżentati sas-7 ta' Ġunju 2022 (ħlief għall-Portugall, li ppreżenta fis-27 ta' Ġunju 2022). Barra minn hekk, saru xi kjarifiki żgħar ta' data wara din id-data.

⁵ Proposta mill-Kummissjoni fil-25 ta' Awwissu 2022 biex jingħata appoġġ supplimentari lill-Bulgarija bħalissa qed tiġi eżaminata mill-Kunsill.

- Ġew allokati aktar minn EUR 93 biljun – wara t-tnaqqis tal-ammont mogħti fi Stat Membru wieħed - u ġew żborżati kważi EUR 92 biljun.
- Nofs l-assistenza finanzjarja taħt SURE ġiet allokata mill-Istati Membri biex tappoġġa skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, filwaqt li terz ġew allokati għal miżuri simili għal dawk li jaħdmu għal rashom.
- Il-miżuri relatati mas-saħħa ġew allokati 3,2 %, li huma “anċillari” f'konformità mar-Regolament SURE. Aktar minn terz ta' dan l-ammont kien jikkonċerna miżuri meħuda fuq il-post tax-xogħol.
- L-assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa għoli, għal 17 mid-19-il Stat Membru benefiċjarju.
- L-assorbiment tjiieb b'mod sinifikanti fi Stat Membru wieħed, wara Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni emendata mill-Kunsill, u qed jiġi mmonitorjat mill-qrib f'iehor⁶.
- Apparti l-benefiċċji soċjali u tal-impjeg, huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw EUR 8,5 biljun f'pagamenti tal-imgħax.
- Aktar minn EUR 6 biljun għadhom disponibbli taħt SURE mill-inqas sal-aħħar tal-2022, jiġifieri, id-dispożizzjoni ta' estinzjoni li tapplika fin-nuqqas ta' estensjoni, li tkun tirrikjedi deċiżjoni tal-Kunsill ibbażata fuq proposta mill-Kummissjoni għal raġunijiet ta' tfixkil ekonomiku kontinwu kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19.

Dan ir-rapport jaġġorna l-informazzjoni li tinsab fl-ewwel tliet rapporti biannwali ta' SURE u jipprovi xi analiżi addizzjonali. Dan ikopri l-iżviluppi istituzzjonali mid-data limitu tat-tielet rapport fil-bidu ta' Marzu 2022, inkluż l-iżborż ta' EUR 2,2 biljun f'Marzu u l-emenda tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (CID) għar-Rumanija biex tindirizza d-diskrepanza fl-assorbiment hemmhekk. L-analiżi fir-rapporti preċedenti, b'mod partikolari dwar in-nefqa pubblika mill-Istati Membri koperti minn SURE, ġiet aġġornata — abbażi ta' rapportar biannwali pprovdut mill-Istati Membri f'Ġunju 2022 — u fuq l-impatt stmat ta' SURE – abbażi tal-aktar ċifri makroekonomiċi reċenti. Hija tqis l-iżviluppi fl-2022 f'aktar dettall, b'mod partikolari fir-rigward tal-kopertura tal-impjegati, tal-persuni li jaħdmu għal rashom u tad-ditti.

Ħarsa aktar fil-fond speċifikament lejn is-sistemi ta' kontroll u awditjar, immirati direttament biex jiżguraw ir-rispett lejn l-obbligi tal-Ftehim dwar is-Self, se titwettaq fir-rapport biannwali li jmiss dwar SURE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw l-użu xieraq tal-fondi fil-livell nazzjonali, jipprevjenu l-irregolaritajiet u l-frodi, u jirkupraw fondi użati ħażin, f'konformità mar-Regolament SURE u mal-ftehimiet ta' self bilaterali. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom is-sistemi meħtieġa stabbiliti biex jirrispettaw dan l-obbligu, il-Kummissjoni wettqet stħarriġ *ad hoc* fit-18 ta' Jannar 2022. Ir-riżultati ġew irrapportati fit-tielet rapport biannwali. Il-Kummissjoni għandha l-għan li ssegwi dan l-istħarriġ biex taġġorna u tikkomplementa l-informazzjoni diġà miġbura u tirrapporta dwarha fil-ħames rapport li jmiss.

Ir-rapport huwa maqsum f'ħames taqsimiet. It-Taqsim I tiddekrivi l-assistenza finanzjarja mogħtija lill-Istati Membri, inkluż l-ammonti żborżati u pendenti, u l-iskeda ta' ripagament korrispondenti. It-Taqsim II tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika totali tal-Istati Membri fuq

⁶ Hawn l-assorbiment huwa definit bħala l-punt sa fejn Stat Membru jonfoq il-finanzjament li ngħata mill-Kunsill fuq miżuri eliġibbli. Id-diskrepanza fl-assorbiment tar-Rumanija naqset sostanzjalment minħabba ż-żieda ta' miżuri ġodda u tnaqqis fl-ammont mogħti, filwaqt li l-Polonja tinsab taħt monitoraġġ mill-qrib.

miżuri nazzjonali appoġġati minn SURE⁷. It-Taqsima III taġġorna u testendi l-valutazzjoni tal-impatt ta' SURE pprovduta fir-rapporti preċedenti. It-Taqsima IV teżamina l-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw il-kontinwazzjoni ta' SURE. Fl-aħħar nett, it-Taqsima V tipprovdri r-rapportar rilevanti li ttejjed l-impenn li jsir skont it-Taqsima 2.4 tal-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE, li ġie integrat f'dan ir-rapport⁸.

I. L-UŻU TAL-ASSISTENZA FINANZJARJA TAĦT SURE: L-AMMONTI MOGĦTIJA U ŻBORŻATI U ASPETTI FINANZJARJI OĦRAJN

1.1 Ħarsa ġenerali lejn l-Istati Membri benefiċjarji u l-ammonti mogħtija

L-assistenza finanzjarja totali mogħtija taħt SURE issa tammonta għal EUR 93,3 biljun, tnaqqis minn EUR 94,4 biljun fir-rapport SURE preċedenti. Dan huwa dovut għal deċiżjoni mill-Kunsill fit-18 ta' Lulju 2022 biex jitnaqqas l-ammont totali mogħti lir-Rumanija b'EUR 1,1 biljun, wara proposta mill-Kummissjoni u bi qbil mal-awtoritajiet Rumani⁹. Ma nġhatat l-ebda assistenza finanzjarja ġdida mir-rapport preċedenti f'Marzu 2022. Fl-istess ħin, diversi Stati Membri esprimew l-interess li jirċievu assistenza finanzjarja addizzjonali taħt SURE sa tmiehem is-sena¹⁰.

⁷ It-Taqsimiet I u II huma relatati mal-użu tal-assistenza finanzjarja taħt SURE skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE.

⁸ https://ec.europa.eu/info/strategy/eu-budget/eu-borrower/eu-borrowing-activities/eu-sure-social-bond-framework_en

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1262 tat-18 ta' Lulju 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1355 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Rumanija biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 191, 20.7.2022, p. 72.

¹⁰ Il-Kummissjoni pproponiet l-għoti ta' assistenza finanzjarja supplimentari ta' EUR 460 miljun lill-Bulgarija fil-25 ta' Awwissu 2022, li għad irid jintlaħaq qbil dwarha mill-Kunsill. Xi Stati Membri (il-Kroazja, Ċipru, il-Greċja, il-Litwanja u l-Portugall) kienu talbu uffiċjalment żieda taħt SURE mit-12 ta' Settembru 2022, filwaqt li ftit oħrajn esprimew b'mod informali interess f'aktar appoġġ minn SURE. Il-biċċa l-kbira tat-talbiet huma bbażati fuq in-nefqa li diġà seħħet.

Tabella 1: Ħarsa ġenerali lejn l-appoġġ li nġhata permezz ta' SURE (EUR)

<i>Stat Membru</i>	<i>Ammont Totali Mogħti*</i>	<i>Li Minnu Pagament</i>	<i>Ammont Żborżat*</i>	<i>Ammont Pendenti</i>
Il-Belġju	8 197 530 000	394 150 000	8 197 000 000	0
Il-Bulgarija	511 000 000 ¹¹	0	511 000 000	0
Ċipru	603 770 000	124 700 000	603 000 000	0
Iċ-Ċekja	2 000 000 000	0	2 000 000 000	0
Il-Greċja	5 265 000 000	2 537 000 000	5 265 000 000	0
Spanja	21 324 820 449	0	21 324 000 000	0
Il-Kroazja	1 020 600 000	0	1 020 000 000	0
L-Italja	27 438 486 464	0	27 438 000 000	0
Il-Litwanja	957 260 000	354 950 000	957 000 000	0
Il-Latvja	305 200 000	112 500 000	305 000 000	0
Malta	420 817 000	177 185 000	420 000 000	0
Il-Polonja	11 236 693 087	0	9 736 000 000	1 500 000 000
Il-Portugall	5 934 462 488	0	5 934 000 000	0
Ir-Rumanija	3 000 000 000	0	3 000 000 000	0
Is-Slovenja	1 113 670 000	0	1 113 000 000	0
Is-Slovakkja	630 883 600	0	630 000 000	0
L-Ungerija	651 470 000	147 140 000	651 000 000	0
L-Irlanda	2 473 887 900	0	2 473 000 000	0
L-Estonja	230 000 000	0	230 000 000	0
Total	93 315 550 988	3 847 625 000	91 807 000 000	1 500 000 000

*Fl-implimentazzjoni tal-iżborżi, l-ammonti mogħtija ġew aġġustati 'l isfel għal għanijiet operazzjonali.

1.2 Żborżi, ammont pendenti u skeda tar-ripagamenti applikabbli

Il-Kummissjoni ħarġet b'suċċess EUR 2,2 biljun ulterjuri f'bonds soċjali ta' SURE f'isem l-UE fit-22 ta' Marzu 2022. Minkejja ambjent tas-suq dejjem aktar ta' sfida minħabba l-gwerra fl-Ukrajna, l-interess tal-investituri baqa' b'saħħtu. Il-bond ta' 15-il sena kellu ktieb tal-ordnijiet ta' EUR 35 biljun, li jagħmlu 16-il darba aktar sottoskritt milli suppost, u li juri l-fiduċja tal-investituri fil-kapaċità ta' finanzjament tal-UE u fil-programm SURE. L-EUR 2,2 biljun ġew żborżati fid-29 ta' Marzu 2022: EUR 1,5 biljun għall-Polonja, EUR 523 miljun għall-Portugall u EUR 147 miljun għall-Ungerija.

Sa Awwissu 2022, kważi EUR 92 biljun ta' assistenza finanzjarja ta' SURE ġew żborżati lil 19-il Stat Membru (Tabella 1). Dan jirrappreżenta 98 % tal-assistenza finanzjarja totali ta' SURE mogħtija mill-Kunsill. Ġie pospost żborż tal-assistenza finanzjarja ta' EUR 1,5 biljun li jifdal mogħtija lill-Polonja sakemm tiġi solvuta l-kwistjoni dwar l-assorbiment tal-fondi (ara t-Taqsima 2.1.2). Aktar dettalji dwar it-tranżazzjonijiet u l-iżborżi ta' SURE lill-Istati Membri huma rrapportati fit-Tabelli A1 u A2 fl-Anness.

Il-maturità medja tal-iżborżi lill-Istati Membri baqgħet 14,5-il sena. Dan huwa qrib il-massimu ta' 15-il sena pprovdut mis-CIDs rispettivi. Ir-rapportar dwar l-iskeda tar-ripagamenti għall-pagamenti tal-kapital u tal-imġhax huwa ppreżentat fit-Tabella 2.

¹¹ Jekk il-Kunsill jagħti l-assistenza finanzjarja addizzjonali proposta mill-Kummissjoni (ara n-nota 5 f'qiegħ il-paġna), l-ammont mogħti lill-Bulgarija jiddied għal EUR 971 miljun.

Tabella 2: Skeda tar-Ripagamenti tas-self pendenti ta' SURE tal-UE

Sena kalendarja	Kapital	Imgħax	Total SURE
2021		35 480 000	35 480 000
2022		111 110 000	111 110 000
2023		151 404 400	151 404 400
2024		146 912 500	146 912 500
2025	8 000 000 000	146 912 500	8 146 912 500
2026	8 000 000 000	146 912 500	8 146 912 500
2027		146 912 500	146 912 500
2028	10 000 000 000	146 912 500	10 146 912 500
2029	8 137 000 000	146 912 500	8 283 912 500
2030	10 000 000 000	146 912 500	10 122 500 000
2031		146 912 500	146 912 500
2032		146 912 500	146 912 500
2033		146 912 500	146 912 500
2034		146 912 500	146 912 500
2035	8 500 000 000	146 912 500	8 646 912 500
2036	9 000 000 000	146 912 500	9 146 912 500
2037	2 170 000 000	128 912 500	2 298 912 500
2038		104 500 000	104 500 000
2039		104 500 000	104 500 000
2040	7 000 000 000	104 500 000	7 104 500 000
2041		97 500 000	97 500 000
2042		97 500 000	97 500 000
2043		97 500 000	97 500 000
2044		97 500 000	97 500 000
2045		97 500 000	97 500 000
2046	5 000 000 000	97 500 000	5 097 500 000
2047	6 000 000 000	75 000 000	6 075 000 000
2048		30 000 000	30 000 000
2049		30 000 000	30 000 000
2050	10 000 000 000	30 000 000	10 030 000 000
Total	91 807 000 000	3 400 269 400	95 182 856 900

II. L-UŻU TAL-ISTRUMENT SURE: NEFQA PUBBLIKA U MIŻURI NAZZJONALI KOPERTI MINN SURE

Din it-taqsimha tiffoka fuq l-użu tal-politika tal-istrument. B'mod aktar speċifiku, din tiġbor fil-qosor in-nefqa pubblika mill-Istati Membri koperti minn jew eliġibbli għal SURE u n-natura tal-miżuri nazzjonali appoġġati. Tippreżenta wkoll l-għadd ta' impjegati u ditti li bbenefikaw mill-miżuri appoġġati minn SURE.

2.1 Nefqa pubblika effettiva u ppjanata appoġġata minn SURE


2.1.1 Monitoraġġ tan-nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli

Ir-rapportar biannwali mill-Istati Membri benefiċjarji jintuża għall-monitoraġġ tal-użu ppjanat u effettiv tal-assistenza finanzjarja mogħtija taħt SURE. Ir-rapportar meħtieġ jinkludi n-nefqa pubblika għall-miżuri koperti minn SURE (u l-kopertura tal-impjegati u ditti b'dawk il-miżuri, kif irrapportat fit-Taqsima 2.3). Sa issa kien hemm ħames sensiliet ta' dan ir-rapportar: f'Awwissu 2020 ("rapportar inizjali"), f'Jannar-Frar 2021 ("l-ewwel rapport"), f'Ġunju 2021 ("it-tieni rapport"), f'Jannar 2022 ("it-tielet rapport") u f'Ġunju 2022 ("l-aħħar rapportar"). L-informazzjoni dwar miżuri li huma eliġibbli għal SURE hija ppreżentata *kif irrapportata mill-Istati Membri*. Xi Stati Membri nefqu aktar mill-ammont ta' assistenza finanzjarja ta' SURE riċevuta, u/jew issupplimentaw l-appoġġ ta' SURE b'finanzjament

nazzjonali jew b'fondi strutturali tal-UE, sabiex in-nefqa totali tkun tista' taqbeż l-ammont appoġġat minn SURE. Ir-rapportar jippermetti l-assorbiment tal-assistenza finanzjarja taħt SURE, billi jitqabbel mal-ammont mogħti mill-Kunsill¹².


Issa għet eżegwita kważi n-nefqa pubblika totali kollha ppjanata taħt SURE. Ir-Regolament SURE jippermetti li l-assistenza finanzjarja tintuża kemm għal żidiet imġarrba kif ukoll dawk ippjanati fin-nefqa pubblika fuq miżuri koperti minn SURE¹³. Is-sehem tan-nefqa ppjanata naqas minn 54 % f'Ġunju 2020 għal 10 % f'Ġunju 2021 u 2 % biss sa tmiem l-2021 (Graff 2). Is-sehem tal-infiq imġarrab fuq il-miżuri eliġibbli ta' SURE laħaq id-99 % sa Meju 2022¹⁴.

Graff 1: Nefqa pubblika rrapportata



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*.
Nota: L-Estonja applikat għall-appoġġ ta' SURE fi Frar 2021 u, għaldaqstant, hija inkluża minn Ġunju 2021 'il quddiem. S1 tikkorrispondi għall-ewwel semestru (Jannar sa Ġunju). S2 tikkorrispondi għat-tieni semestru (Lulju sa Diċembru).

Graff 2: Evoluzzjoni ta' kull xahar tan-nefqa pubblika mġarrba u ppjanata taħt SURE



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*.

In-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE hija mistennija li tilħaq EUR 119-il biljun, li taqbeż l-assistenza finanzjarja totali mogħtija taħt SURE. Dan l-ammont huwa simili għal dak mistenni fit-tielet rapport (Graff 1). In-nefqiet fuq l-ammont iżgħar ta' skemi li komplew fl-2022 żdied bi f'it minn EUR 2,8 biljun ippjanati għal EUR 3,7 biljun, filwaqt li kien

¹² Diskrepanza fl-assorbiment isseħħ minħabba li n-nefqa mġarrba jew ippjanata mill-Istat Membru fuq miżuri eliġibbli għal SURE tkun inqas mill-ammont mogħti mill-Kunsill. Parti mill-assorbiment tista' tkun dovuta għall-fatt li l-Istat Membru ma jkunx qed jirnexxielu jonfoq l-ammont diġà żborżat, li jista' jgħid li problema jekk din id-diskrepanza tibqa' meta tkun għet implimentata n-nefqa ppjanata.

¹³ L-Irlanda u l-Estonja applikaw għal SURE għan-nefqa pubblika mġarrba biss. Bħala tali, ir-rapportar baqa' l-istess minn Marzu 2021. Ir-rapportar dwar l-infiq pubbliku għall-2020 u għall-2021 baqa' l-istess ukoll għal Ċipru u għas-Slovenja mir-rapport preċedenti.

¹⁴ Il-miżuri eliġibbli huma dawk deskritti fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament: skemi nazzjonali ta' xogħol b'ħinjiet iqsar jew miżuri simili, u bħala anċillari, miżuri relatati mas-saħħa. Xi Stati Membri (l-Estonja, is-Slovenja) ma komplewx jirrapportaw dwar miżuri eliġibbli għal SURE peress li ma baqgħux jużaw l-assistenza finanzjarja ta' SURE biex jiffinanzjaw dawk il-miżuri, billi diġà qabżu l-ammont mogħti. Bħala tali, in-nefqa totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE hija ogħla minn dik irrapportata hawnhekk.


hemm xi reviżjonijiet 'l isfel tan-nefġiet tal-passat. Fl-2022 kien hemm 13-il Stat Membru li rrapportaw nefqa, meta mqabbel mal-10 fir-rapportar preċedenti. L-infiq totali (EUR 119-il biljun) issa huwa akbar mill-ammont totali mogħti taħt SURE (EUR 93,3 biljun) minħabba li xi Stati Membri qed jipplanaw li jonfqu aktar fuq il-miżuri eliġibbli mill-ammont tal-assistenza finanzjarja li talbu u li ngħataw¹⁵. Dan jenfasizza r-rilevanza kontinwa tal-kamp ta' applikazzjoni ta' SURE mill-perspettiva tal-Istati Membri.

It-tnaqqis tal-impatt tal-pandemija fl-2022 wassal għal tnaqqis fin-nefqa ta' kull xahar fuq il-miżuri eliġibbli għal SURE għal ammonti negliġibbli. Il-Graff 2 turi li n-nefqa tal-2022 laħqet il-quċċata tagħha (f'livell baxx) f'Jannar qabel ma naqset b'mod rapidu. In-nefqa bikrija tal-2022 kienet iffukata fuq miżuri bħal miżuri relatati mal-kwarantana, l-ittestjar għall-COVID-19 u kumpens speċjali għall-ħaddiema fil-kura tas-saħħa. F'Diċembru 2022, huwa ppjanat li jintnefqu biss EUR 38 miljun.

2.1.2 Assorbiment tal-fondi

Il-livell ta' assorbiment tal-assistenza finanzjarja ta' SURE huwa għoli għall-maġġoranza l-kbira tal-Istati Membri. Bi kważi n-nefqa pubblika kollha li issa għet eżegwita, ma tqajmet l-ebda kwistjoni ġdida ta' assorbiment mill-pubblikazzjoni tat-tielet rapport biannwali. 17 minn 19-il Stat Membru diġà nefqu *mill-inqas* l-assistenza finanzjarja totali li ngħataw fuq miżuri eliġibbli (Graff 3). Barra minn hekk, 15-il Stat Membru nefqu, jew qed jipplanaw li jonfqu *aktar* mill-ammont mogħti, inkluż billi jiffinanzjaw il-bqija fuq livell nazzjonali.

Graff 3: Eċċess tan-nefqa pubblika ppjanata u mġarrba fuq miżuri eliġibbli fuq l-ammont tas-self (% tal-ammont tas-self)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: In-nefqa pubblika tirreferi għal miżuri rrapportati kif koperti fis-CIDs, netti mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE). Xi Stati Membri (l-Estonja, is-Slovenja) ma komplewx jirrapportaw dwar miżuri eliġibbli għal SURE peress li ma baqgħux jużaw l-assistenza finanzjarja ta' SURE biex jiffinanzjaw dawk il-miżuri, billi diġà qabżu l-ammont mogħti. Għar-Rumanija, iċ-ċifra ġejja mill-valutazzjoni tal-Kummissjoni, ibbażata fuq l-esperjenza tal-passat u l-applikazzjoni tal-limitu massimu tal-infiq relatat mas-saħħa għal 49 % tal-infiq eliġibbli totali (sabiex tibqa' anċillari kif previst mir-regolament SURE).

¹⁵ Għal Spanja u għall-Italja, dan huwa dovut ukoll għal-limitu ta' konċentrazzjoni (ta' 60 % tal-ammont massimu ta' EUR 100 biljun) li japplika għall-akbar tliet Stati Membri benefiċjarji.

Fil-Polonja, filwaqt li ntnefaq l-ammont kollu żborżat, ġiet ikkonfermata diskrepanza moderata bejn in-nefqa totali u l-ammont mogħti. In-nefqa pubblika totali rrapportata mill-Polonja (EUR 9,9 biljun) qabżet l-ammont żborżat (EUR 9,7 biljun). Madankollu, kif indikat fit-tielet rapport, il-Polonja rrapportat nefqa pubblika totali aktar baxxa fuq miżuri koperti fis-CID mill-ammont mogħti mill-Kunsill (EUR 11,2-il biljun). Din id-diskrepanza haġġet wara r-reviżjonijiet tad-*data* għal xi miżuri u tista' tiġi attribwita għall-irkupru aktar b'saħħtu milli mistenni tal-ekonomija. Sabiex titnaqqas din id-diskrepanza, l-awtoritajiet nazzjonali pproponew l-inklużjoni ta' żewġ miżuri addizzjonali (li huma eliġibbli għal SURE), primarjament għan-nefqa tal-passat sal-2021. Djalogu tekniku mal-Kummissjoni għadu għaddej u l-iżborż tal-fondi li jifdal (EUR 1,5 biljun) ġie miftiehem li jiġi pospost sakemm jiġi konkluż id-djalogu.

Fir-Rumanija, id-diskrepanza mdaqqsa fl-assorbiment mal-ammont mogħti tnaqqset b'mod sinifikanti bl-inklużjoni ta' miżuri ġodda eliġibbli għal SURE u t-tnaqqis tal-ammont mogħti. Fil-bidu tal-2021, ġiet identifikata diskrepanza fl-assorbiment ta' kważi tliet kwarti tal-ammont mogħti (minn EUR 4,1 biljun mogħtija għad iridu jintnefqu EUR 2,9 biljun) minħabba impatt aktar dgħajjed milli mistenni tal-pandemija fuq l-ekonomija Rumena fl-2020 u rkupru aktar b'saħħtu milli mistenni fl-2021. Id-diskrepanza (EUR 1,8 biljun) kienet ukoll imdaqqsa fir-rigward tal-ammont diġà żborżat. Bħala riżultat ta' djalogu tekniku bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet Rumani, il-Kunsill emenda s-CID oriġinali tar-Rumanija, abbażi ta' proposta tal-Kummissjoni, biex jinkludi miżuri addizzjonali eliġibbli taħt SURE. Barra minn hekk, l-assistenza finanzjarja mogħtija lir-Rumanija tnaqqset għal EUR 3 biljun, kif miftiehem mal-awtoritajiet Rumani, sabiex l-ammont mhux żborżat ta' EUR 1,1 biljun li jifdal jintilef u jsir disponibbli għal ħtiġijiet ulterjuri possibbli mill-Istati Membri tal-UE.

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill emendata dwar ir-Rumanija tinkludi 21 miżura eliġibbli addizzjonali, li diġà ġew implimentati. Tnejn mill-miżuri huma simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, peress li jsegwu l-oġettiv li jippreżervaw l-impjegati u l-introjt: benefiċċju għal liv minħabba mard u appoġġ għall-impjegati għat-tagħmir tax-xogħol mid-dar¹⁶. Id-19-il miżura l-oħra huma relatati mas-saħħa, inkluż pereżempju bonus għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, tagħmir protettiv, u mediċini u vaċċini għall-ġlieda kontra l-pandemija tal-COVID-19. Peress li l-miżuri relatati mas-saħħa huma anċillari skont ir-Regolament SURE, l-ammont ta' nefqa eliġibbli relatata mas-saħħa huwa limitat għal 49 % tan-nefqa totali.

Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-livell ta' assorbiment fir-Rumanija u jistgħu jkun meħtieġa aktar miżuri. Id-diskrepanza fl-assorbiment naqset u bħalissa hija stmata għal madwar EUR 350 miljun¹⁷. Madankollu, għadu mhux ċar jekk din id-diskrepanza eventwalment tippersistix, peress li tiddependi mill-evoluzzjoni tan-nefqa ppjanata fl-2022, li

¹⁶ Wara talba mir-Rumanija, il-Kummissjoni u l-Kunsill minn issa 'l quddiem iddeċidew li jikkunsidraw il-benefiċċji tal-mard relatati mal-COVID-19 bħala miżura simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, minflok miżura relatata mas-saħħa (soġġetta għal limitu massimu, peress li l-miżuri tas-saħħa huma anċillari). Fil-fatt, filwaqt li l-ixprun għall-benefiċċju mill-miżura huwa relatat mas-saħħa (jiġifieri s-“saħħa” ta' impjegat), *l-impatt u l-iskop reali tal-miżura* huma simili għal dawk tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar: dan jipprovdni appoġġ għall-introjt lill-impjegati li ma jistgħux jaħdmu, iżommu r-relazzjoni ta' impjegat tagħhom mad-ditta, u huwa direttament relatat mal-COVID-19, f'konformità mal-għan tar-Regolament SURE.

¹⁷ Jekk l-esperjenza tal-passat tapplika għal dawn il-miżuri futuri, jista' jseħħ biss terz tan-nefqa ppjanata (għall-2022). Din is-suppożizzjoni prudenti ġiet miftiehma mal-awtoritajiet Rumani u hija riflessa fin-nefqa murija f'dan ir-rapport.


hija stess tiddependi mill-iżviluppi futuri fil-pandemija tal-COVID-19. Jekk dan ikun il-każ, jistgħu jiġu inklużi aktar miżuri eliġibbli tas-suq tax-xogħol f'CID emendatorja, jew jista' jiġi eżaminat hlaqura tad-diskrepanza li jifdal.

2.2 Miżuri nazzjonali: skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili appoġġati minn SURE

Il-maġġoranza l-kbira tan-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE għet allokata għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u "miżuri simili" għal dawk li jaħdmu għal rashom. Fil-fatt, min-nefqa pubblika totali fuq miżuri eliġibbli għal SURE, 50 % ġew diretti għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, li huma ffinanzjati minn 17 mid-19-il Stat Membru li jibbenefikaw minn SURE. Ġew allokati 32 % oħra għal "miżuri simili" għal ħaddiema għal rashom¹⁸. L-iskemi ta' sussidju tal-pagi ġew allokati 9 %, filwaqt li 6 % tan-nefqa totali għet allokata għal miżuri simili "oħra" li jappoġġaw iż-żamma tal-impjegati u l-introjti tal-ħaddiema, inklużi l-benefiċċji ta' liv minħabba mard¹⁹. L-assistenza finanzjarja ta' SURE għall-miżuri tas-suq tax-xogħol (Graff 4) għet invokata minn 12-il Stat Membru biss.


In-natura anċillari tan-nefqa relatata mas-saħħa hija kkonfermata. Min-nefqa totali, 3,2 % ntnefqu jew kienu ppjanati li jintnefqu fuq miżuri relatati mas-saħħa. Seba' Stati Membri biss minn 19 użaw l-appoġġ ta' SURE għall-finanzjament ta' miżuri relatati mas-saħħa. Ir-Regolament SURE jippermetti l-finanzjament ta' kwalunkwe miżura tas-saħħa relatata mal-COVID-19, iżda jenfasizza *b'mod partikolari* dawk meħuda fuq il-post tax-xogħol, li jirrappreżenta 38 % tal-infiq kollu relatat mas-saħħa (Graff 5)²⁰.

Graff 4: Nefqa pubblika fuq miżuri eliġibbli għal SURE skont it-tip ta' nefqa



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*
 Nota: Ara r-rapport ta' Marzu 2021 għad-dettalji dwar in-nefqa fuq is-saħħa tal-Ungerija, u t-taqsima 2.1.2 dwar ir-Rumanija.

Graff 5: Is-sehem tan-nefqa relatata mas-saħħa fuq il-post tax-xogħol




Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*

¹⁸ Dan huwa bbażat fuq analiżi tal-Kummissjoni li tikkategorizza l-miżuri rrapportati mill-Istati Membri skont it-tip.
¹⁹ L-iskemi ta' sussidju tal-pagi huma skemi għaż-żamma tal-impjegati simili għal xogħol b'ħinijiet iqsar, iżda huma differenti fis-sens li l-pagamenti ma humiex ikkalkulati f'termini ta' sigħat (mhux maħduma), iżda minflok jikkorrispondu għal somma f'daqqa jew għal proporzjon tal-paga totali. B'kollox, il-miżuri simili għall-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jammontaw għal 46 % tan-nefqa totali eliġibbli għal SURE.
²⁰ Ara l-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020. Din il-kundizzjoni hija spjegata ulterjorment ukoll fil-premessa 5: "Sabiex tinżamm l-enfasi b'saħħitha tal-istrument previst f'dan ir-Regolament u b'hekk l-effettività tiegħu, il-miżuri relatati mas-saħħa għall-fini ta' dak l-istrument jistgħu jikkonsistu f'dawk li għandhom l-għan li jnaqqsu l-perikli okkupazzjonali u jiżguraw il-protezzjoni tal-impjegati u ta' dawk li jaħdmu għal rashom fuq il-post tax-xogħol, kif ukoll, fejn xieraq, f'xi miżuri oħrajn relatati mas-saħħa."

2.3. Il-kopertura ta' SURE f'termini ta' impjegi u ditti

Fl-2020, SURE huwa stmat li appoġġa madwar 31,5 miljun persuna u 2,5 miljun ditta. Dan jirrappreżenta kważi terz tal-impjegi u tad-ditti totali fid-19-il Stat Membru benefiċjarju²¹. L-istima tal-impjegi hija magħmula minn madwar 22,25 miljun impjegat u 9,25 miljun ħaddiem għal rasu. Il-Graffs 6 u 7 jippreżentaw diżaggregazzjoni tal-kopertura ta' SURE skont l-Istat Membru. Dawn l-istimi ma jinkludux persuni appoġġati minn miżuri relatati mas-saħħa taħt SURE, u għalhekk jistgħu jittqiesu bħala konservattivi²².


Graff 6: Ħaddiema koperti minn SURE fl-2020 (% tal-impjegi totali)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*

Nota: Iċ-ċifri tal-kopertura u tal-impjegi totali huma daww irrapportati mill-Istati Membri. Għal dan ir-rapport, l-Istati Membri pprovdew ukoll *data* kemm għal daww li jaħdmu għal rashom kif ukoll għall-impjegati fl-ekonomija totali li tippermetti li tiġi kkalkolata ċ-ċifra totali tal-impjegi (id-denominatur) b'mod aktar preċiż. Dan wassal għal xi diskrepanzi meta mqabbla mad-*data* murija fir-rapport preċedenti.

Graff 7: Ditti koperti minn SURE fl-2020 skont id-daqs (% tad-ditti totali)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*

Nota: It-total tad-ditti jeskludi d-ditti b'ebda impjegat. Il-Polonja ma rrapportatx dwar id-daqs tad-ditti. L-SMEs huma daww b'inqas minn 250 impjegat u daww kbar b'aktar minn 250 impjegat.


L-SMEs kienu l-benefiċjarji primarji ta' appoġġ ta' SURE (Graff 7). Il-pandemija kkawżat bidla mill-użu ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar minn ditti primarjament kbar qabel il-Covid, biex issa huma inklużi wkoll ditti żgħar u ta' daqs medju li jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tal-

²¹ Iċ-ċifri ta' kopertura nbidlu mir-rapporti preċedenti hekk kif l-Istati Membri aġġornaw it-tabelli ta' rapportar tagħhom, u b'hekk tejbu l-kwalità tad-*data* f'xi każijiet. Iċ-ċifri jikkorrispondu għal persuni u ditti li, f'xi punt, kienu koperti minn skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili appoġġati minn SURE. Id-denominaturi huma bbażati fuq it-tabelli ta' rapportar sottomessi mill-Istati Membri, meta mqabbla mar-rapporti preċedenti fejn intużat id-*data* tal-Eurostat. L-għadd totali ta' ditti jinkludi ditti b'mill-inqas impjegat wieħed.

²² Barra minn hekk, f'xi Stati Membri, kien hemm trikkib sinifikanti bejn ir-riċeventi tal-appoġġ f'miżuri differenti li ma setax isir aġġustament xieraq għalihom. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri ntalbu jirrapportaw biss il-kopertura tal-akbar miżura/i biex jiġi evitat l-għadd doppju. Għaldaqstant, il-kopertura reali tista' tkun saħansitra ogħla.


kumpaniji koperti minn SURE (Graff 8)²³²⁴. L-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġew adottati l-aktar mis-setturi tas-servizzi u tal-bejgħ bl-imnut. Madankollu, il-manifattura xorta rċeviet madwar għoxrin fil-mija tan-nefqa ta' SURE. Is-setturi bl-akbar sehem tan-nefqa skont l-aħħar rapportar kienu: (i) is-servizzi tal-akkomodazzjoni u tal-ikel, (ii) il-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, u (iii) il-manifattura (Graff 9). Ħafna Stati Membri pprovdew ukoll appoġġ għal aktar setturi, bħas-settur kulturali, b'miżuri mmirati fis-CIDs rispettivi tagħhom.

Graff 8: SMEs koperti minn SURE fl-2020 (% tal-SMEs totali)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*
 Nota: Il-Polonja ma rrapportatx dwar id-daqs tad-ditta, filwaqt li l-Belġju u ċ-Ċekja ma pprovdewx data dwar l-għadd totali ta' SMEs. L-SMEs huma daww b'inqas minn 250 impjegat.

Graff 9: Kopertura settorjali ta' SURE



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*
 Nota: L-Istati Membri jirrapportaw it-tliet setturi li bbenefikaw l-aktar minn SURE, kif ukoll is-sehem tan-nefqa li jmur lejn daww is-setturi. Din il-graff tirrapporta s-sehem medju tan-nefqa fost l-Istati Membri f'kull settur. Meta settur ma jissemmiex, aħna nassumu li dan jikkseb sehem mill-infiq residwu li huwa proporzjonali għall-kont tal-pagi totali tas-settur fl-ekonomija. Erba' Stati Membri ma jirrapportawx is-sehem tan-nefqa li jmur għall-ewwel tliet setturi: aħna nassumu li l-akbar settur jieħu 50 %, it-tieni l-akbar wieħed jieħu 25 % u t-tielet l-akbar 15 % tan-nefqa totali. Dawn iċ-ċifri jikkorrispondu għall-medji fl-Istati Membri li rrapportaw l-ishma tan-nefqa.

Fl-2021, b'mod partikolari fl-ewwel nofs tas-sena meta l-pandemija kienet għadha qed toħloq il-problemi, SURE appoġġa madwar 9 miljun persuna u aktar minn 800 000 ditta. Dan jinkludi kważi 5,75 miljun impjegat u 3,25 miljun hađdiem għal rasu, li jikkorrispondu għal kważi 17 % tal-impjegati totali u tad-ditti fit-13-il Stat Membru benefiċjarju li komplew jużaw l-istrument fl-2021 (Graffs 10 u 11)²⁵. L-irkupru mhux uniformi fl-2021 kien ifisser li l-miżuri ta' appoġġ ekonomiku kienu għadhom meħtieġa f'diversi stadji matul is-sena. Kif muri fil-Graff 1,


²³ Il-Kummissjoni Ewropea (2020): Labour Market and Wage Developments in 2020, Kapitolu 3, Policy developments. <https://ec.europa.eu/social/BlobServlet?docId=23268&langId=en>. Diskussjoni ulterjuri hija disponibbli fit-tieni rapport ta' SURE.

²⁴ Filwaqt li l-SMEs jirrappreżentaw il-maġġoranza tad-ditti, 30 % minnhom kienu koperti minn miżuri eliġibbli għal SURE fl-2020.

²⁵ L-Istati Membri li nefqu l-assistenza finanzjarja ta' SURE kollha tagħhom fl-2020 ma humiex inklużi hawnhekk: iċ-Ċekja, l-Estonja, Spanja, l-Irlanda, il-Kroazja u s-Slovenja. Madankollu, ħafna minn dawn l-Istati Membri komplew il-miżuri rilevanti tagħhom, jew adattawhom, u ffinanzjawhom permezz ta' sorsi oħrajn. Din l-istima żdiedet b'mod sinifikanti hekk kif l-Italja issa rrapportat iċ-ċifri ta' kopertura tal-2021 għall-ewwel darba.

dawn kienu ffokati fl-ewwel nofs tal-2021 u naqsu hekk kif l-impatt ekonomiku kif ukoll fuq is-saħħa tal-pandemija naqas aktar tard fis-sena minħabba t-tilqim u adattamenti ekonomiċi oħrajn.


Graff 10: Ħaddiema koperti minn SURE fl-2021 u fl-2022 (% tal-impjegati totali)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: L-Istati Membri li nefqu l-assistenza finanzjarja ta' SURE sa tmiem l-2020 ma jidhrux. L-Istati Membri li nefqu l-assistenza finanzjarja ta' SURE sa tmiem l-2021 ma humiex inklużi fl-2022. Mhux applikabbli (m/a) tirreferi għall-Istati Membri li ma rrapportawx kopertura għall-2021 jew għall-2022.

Graff 11: Ditti koperti minn SURE fl-2021 u fl-2022 (% tad-ditti totali)



Sors: *Rapportar mill-Istati Membri*

Nota: It-total tad-ditti jeskludi d-ditti b'ebda impjegat. Mhux applikabbli (m/a) tirreferi għall-Istati Membri li ma rrapportawx kopertura għall-2021 jew għall-2022.

Għalkemm il-biċċa l-kbira tan-nefqa ta' SURE issa tneħħiet gradwalment, diversi Stati Membri estendew l-iskemi ta' xogħol tagħhom b'ħinijiet iqsar relatati mal-pandemija fl-ewwel nofs tal-2022. Fil-Bulgarija, is-sussidji tal-pagi għall-ħaddiema kienu koperti għall-perjodu sa Ġunju 2022. Il-Belġju estenda l-“proċedura simplifikata” tal-iskema ta' xogħol b'ħinijiet iqsar fir-rigward tal-pandemija tal-COVID-19 sa Ġunju 2022. L-iskema Maltija ta' sussidju tal-pagi u l-iskema Griega ta' xogħol b'ħinijiet iqsar ġew estiżi sa Mejju 2022, filwaqt li r-Rumanija estendiet l-iskema tagħha ta' xogħol b'ħinijiet iqsar sa tmiem is-sena. Fil-Kroazja, fl-Italja u fil-Portugall, il-miżuri biex jinżammu l-impjegati relatati mal-pandemija tal-COVID-19 ġew iffinanzjati matul l-ewwel trimestru tal-2022. Ir-regoli ta' emerġenza Spanjoli għall-iskema ta' xogħol għal żmien qasir ERTE tneħħew gradwalment – partijiet mill-benefiċċji u tnaqqis fil-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali ġew estiżi sal-31 ta' Marzu 2022²⁶.

Fl-2022, huwa stmat li SURE appoġġa lil madwar 220 000 persuna u lil 10 000 ditta, f'konformità mat-tnaqqis fin-nefqa relatata ma' SURE. Dan huwa magħmul minn madwar 80 000 impjegat u 140 000 ħaddiem għal rasu (Graff 10). Madankollu, il-maġġoranza tal-Istati

²⁶ L-estensjoni tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar relatati mal-pandemija mhux neċessarjament timplika li dawn l-Istati Membri qed jużaw l-istrument SURE biex jiffinanzjawha. Xi wħud estendew l-iskemi billi użaw sorsi oħrajn ta' finanzjament (eż.. fondi strutturali tal-UE u finanzjament nazzjonali). Pereżempju, fi Spanja, riforma ġdida tal-iskema permanenti, li kienet ta' natura ġenerali, ibbażata fuq it-tagħlimiet meħuda matul il-pandemija tal-COVID-19, daħlet fis-seħħ fl-1 ta' April.

Membri ma baqgħux jużaw SURE fl-2022. Tliet Stati Membri biss użaw SURE biex jiffinanzjaw il-miżuri fl-2022, b'14-il Stat Membru ieħor jiffinanzjaw il-miżuri eliġibbli għal SURE permezz ta' sorsi oħrajn.

III. ANALIŻI PRELIMINARI TAL-IMPATT TA' SURE

Din it-taqsimha taggħorna u testendi l-analiżi ppreżentata fir-rapporti biannwali preċedenti dwar l-impatt ta' SURE fuq il-qgħad, l-ekonomija reali u l-effett finanzjarju dirett tagħha.

3.1. *L-istima tal-impatt ta' SURE fuq il-qgħad*


Din it-taqsimha tipprovdi valutazzjoni aġġornata tal-impatt ta' SURE fuq il-qgħad fl-Istati Membri benefiċjarji. L-għan ta' SURE huwa li l-Istati Membri jingħataw għajna biex jippreżervaw l-impjegi tal-ħaddiema u tal-ħaddiema għal rashom matul il-pandemija tal-COVID-19, u b'hekk jipproteġi wkoll l-introjti tal-ħaddiema. Ir-riżultati huma informattivi iżda għandhom jiġu interpretati b'kawtela minħabba raġunijiet metodoloġiċi²⁷.

Iż-żieda fil-qgħad fl-2020 fl-Istati Membri benefiċjarji kienet ferm inqas milli mistenni, u dan ipprevjona milli miljun u nofs persuna jispiċċaw qiegħda. Il-miżuri ta' politika rapidi u mdaqqsqa meħuda fl-2020 biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19, inkluż SURE, naqqsu l-impatt tat-tnaqqis fl-output fuq il-qgħad, u dan irriżulta f'żieda fil-qgħad li, fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, kien inqas milli mistenni²⁸. L-użu mifrux ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili oħrajn jispjega parzjalment iż-żieda mhux mistennija fil-qgħad meta mqabbla mat-tnaqqis fil-produzzjoni u ppermetta lil madwar miljun u nofs persuna jżommu l-impjegi tagħhom fl-2020 fi Stati Membri benefiċjarji ta' SURE. Fil-livell tal-pajjiżi, aktar ma kien għoli l-ammont riċevut permezz ta' SURE fl-2020, aktar kienet moderata ż-żieda fil-qgħad. Fl-istess ħin, xi Stati Membri mhux benefiċjarji setgħu jużaw il-pożizzjoni finanzjarja u l-kundizzjonijiet ta' finanzjament favorevoli tagħhom biex imexxu skemi kbar ta' xogħol b'ħinijiet iqsar (Graff 13).

²⁷ L-ewwel nett, huwa diffiċli li jiffassal xenarju "kontrofattwali" tal-prestazzjoni tas-suq tax-xogħol fin-nuqqas ta' SURE. It-tieni, ir-relazzjoni bejn l-output u l-impjegi hija affettwata minn firxa wiesgħa ta' fatturi, inkluż SURE. Fatturi oħrajn huma relatati mal-fatt li n-nies ma setgħetx, jew kienet skoraġġuta, milli tfitx impjeg b'mod attiv minħabba l-għeluq ta' partijiet kbar tal-ekonomija.

²⁸ Il-kapaċità ta' rispons tal-bidliet fit-tkabbir ekonomiku għall-qgħad ta' sikwit issir referenza għaliha bħala "l-Liġi ta' Okun" fil-letteratura ekonomika. Għal aktar dettalji ara l-Kummissjoni Ewropea (2021), *Quarterly Report on the Euro Area*, it-taqsimha III, Vol. 20, Nru 2. Il-Kroazja ma hijiex inkluża għal raġunijiet ta' disponibbiltà tad-data.


Graff 12: Impjiegi stmati li ġew salvati għal kull Stat Membru fl-2020 (eluf)



Sors: Ameco u kalkoli proprji.

Nota: L-istima tal-impjiegi salvati hija derivata mid-differenza bejn il-bidla effettiva u dik mistennija fir-rata tal-qgħad fl-Istati Membri, immultiplikata bil-forza tax-xogħol tal-2020. Tassumi li l-forza tax-xogħol effettiva u dik mistennija huma l-istess. Għal xi pajjiżi, l-istima hija zero, peress li l-bidla effettiva fir-rata tal-qgħad kienet ogħla milli previst mill-mudell. Il-bidla mistennija fir-rata tal-qgħad tikkorrispondi għall-previżjoni li ġejja minn mudell ta' rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi għall-perjodu bejn l-1999 u l-2019. L-analiżi hija bbażata fuq approċċ tal-liġi ta' Okun, fejn il-varjabbli dipendenti jirrappreżenta l-bidla fir-rata tal-qgħad u l-varjabbli indipendenti jirreferi għar-rata tat-tkabbir tal-PDG reali. Il-kalkolu kien ibbażat fuq id-data ta' AMECO tal-ħarifa 2021 vintage.

Graff 13: Ir-relazzjoni bejn il-bidla fir-rata tal-qgħad u l-finanzjament ta' SURE żborżat fl-2020




Sors: Ameco u kalkoli proprji.

Nota: l-assi y: Il-bidla mistennija fir-rata tal-qgħad ġejja mill-mudell tar-rigressjoni speċifiku għall-pajjiżi spjegat fin-nota għall-Graff 12.

SURE kkontribwixxa wkoll għall-prevenzjoni ta' żieda fl-inugwaljanza fis-suq tax-xogħol madwar l-Istati Membri. SURE jidher li impedixxa żieda qawwija fil-qgħad fil-pajjiżi li kienu sofrew aktar ħsara fis-suq tax-xogħol matul il-kriżi finanzjarja globali. L-ewwel nett, iż-żieda fir-rata medja tal-qgħad f'benefiċjarji ta' SURE segwiet mill-qrib ħafna dik f'dawk li ma humiex benefiċjarji wara l-kriżi tal-COVID-19. Dan huwa b'kuntrast għall-konsegwenzi tal-kriżi finanzjarja globali meta l-qgħad medju fost il-benefiċjarji ta' SURE żdied sostanzjalment meta mqabbel ma' dawk mhux benefiċjarji (Graff 14). It-tieni, id-dispersjoni tar-rata tal-qgħad fost il-benefiċjarji ta' SURE naqset b'mod sinifikanti mill-pandemija tal-COVID-19, u gradwalment ikkonvergiet għad-dispersjoni aktar baxxa esperjenzata mill-benefiċjarji mhux ta' SURE (Graff 15). Dan it-tnaqqis fl-inugwaljanza fil-qgħad huwa l-immaġni opposta ta' dak li ġie esperjenzat fil-kriżi finanzjarja globali. Dan ir-riżultat jissuġġerixxi wkoll li l-benefiċjarji ta' SURE kienu dawk l-Istati Membri li s-swieq tax-xogħol tagħhom kellhom bżonn l-istrument l-aktar.


Graff 14: L-evoluzzjoni tar-rata medja tal-qgħad bejn l-Istati Membri ta' SURE u dawk mhux ta' SURE



Sors: Ameco.

Nota: "SURE-19" tirreferi għad-19-il Stat Membru tal-UE li ngħataw appoġġ minn SURE. "mhux ta' SURE" tirreferi għat-8 Stati Membri tal-UE li jifdal.

Graff 15: Dispersjoni storika tar-rati tal-qgħad fi Stati Membri ta' SURE u mhux ta' SURE



Sors: Ameco.


Nota: Id-dispersjoni tirreferi għad-devjazzjoni standard tar-rata tal-qgħad tal-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE u mhux ta' SURE, li hija kkalkolata għal kull sena.

Il-mezzi li jispjegaw kif fl-2020 SURE ffaċilita żieda inqas qawwija fil-qgħad huma diskussi fid-dettall fl-ewwel rapport biannwali. Dawn jinkludu t-titjib fil-fiduċja ġenerali madwar l-UE, l-appoġġ u l-inkoraġġiment tal-użu tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, u li l-Istati Membri setgħu jonfqu aktar fuq l-appoġġ għall-impjegi u politiki oħrajn relatati mal-pandemija. Id-*data* mill-istħarriġ *ad hoc* li tidher fl-ewwel rapport indikat li SURE kellu rwol fid-deċizzjoni tal-maġġoranza tal-Istati Membri benefiċjarji li jadottaw skema ġdida ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew li jimmodifikaw skema eżistenti, u ppermetta li xi Stati Membri jkunu aktar ambizzjużi dwar miżuri simili għal skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar. SURE kkontribwixxa wkoll biex l-Istati Membri jżidu l-ġenerożità jew it-tul tal-iskemi taż-żamma tal-impjegi tagħhom, peress li rified il-fiduċja tal-Istati Membri biex jisselfu u jonfqu ħafna aktar milli kieku kienu jagħmlu, filwaqt li gawdew mill-iffrankar fir-rata tal-imgħax miksub mill-UE minkejja l-klassifikazzjoni tal-kreditu aktar baxxa tagħhom. L-effett ta' fiduċja huwa muri wkoll mir-riżultati tal-istħarriġ tal-Ewrobarometru ta' Diċembru 2021 ippreżentat fit-tielet rapport, li wera li 82 % taċ-ċittadini taż-żona tal-euro kienu tal-fehma li s-self minn SURE kien idea tajba.

3.2. L-istima tal-impatt ta' SURE fuq l-ekonomija reali

Il-protezzjoni tal-impjegi fl-ewwel sentejn tal-pandemija appoġġat irkupru aktar rapidu fl-2021 milli fi kriżijiet preċedenti. L-ewwel nett, il-PDG u l-qgħad irkupraw aktar qrib il-livelli tagħhom ta' qabel il-kriżi fl-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE fl-2021 meta mqabbla mal-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn taż-żona tal-euro wara l-istess perjodu ta' żmien (Graff 16). Dan seħħ minkejja l-mewġiet sussegwenti tal-pandemija li kienu jeħtieġu l-

introduzzjoni mill-ġdid tar-restrizzjonijiet matul is-sena²⁹. It-tieni, abbażi tat-tbassir *interim* tal-Kummissjoni tas-sajf tal-2022, it-tkabbir ekonomiku se jkompli fl-2022 u fl-2023 għalkemm b'rata aktar baxxa milli previst fl-aħħar rebbiegħa minħabba avvenimenti indipendenti mill-COVID-19, jiġifieri l-kriżi tal-enerġija u l-invażjoni Russa fl-Ukrajna. Minkejja dan, għadu qed jikseb prestazzjoni aħjar mill-irkupru osservat fl-istess stadju wara l-kriżi finanzjarja globali u l-kriżi tad-dejn taż-żona tal-euro, hekk kif l-ekonomija tal-UE rritornat għal-livell ta' output ta' qabel il-pandemija tagħha fl-2021, filwaqt li baqgħet ferm taħt il-livell tagħha ta' qabel il-kriżi fl-istess stadju fiż-żewġ kriżijiet preċedenti³⁰. Dan jissuġġerixxi li l-fatt li l-forza tax-xogħol disponibbli baqgħet konnessa mad-ditti permezz ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, għen biex jappoġġa l-irkupru rapidu, minkejja s-sitwazzjoni epidemjoloġika diffiċli fl-2021³¹.



Sors: Ameco (bl-użu tal-previżjoni tar-rebbiegħa 2022 tal-Kummissjoni għar-rata tal-qgħad u l-previżjoni interim tas-sajf 2022 għall-PDG), Eurostat

Nota: Hawn jidher l-PDG aggregat u r-rata medja tal-qgħad għall-Istati Membri benefiċjarji ta' SURE. Il-perjodu ta' żmien t-1 jirreferi għas-sena ta' qabel il-kriżijiet rispettivi. t=2009 għall-kriżi finanzjarja globali (GFC); t=2012 għall-kriżi tad-dejn fiż-żona tal-euro (ZE); t=2020 għall-kriżi tal-COVID. t+2 għall-kriżi tal-COVID jirreferi għall-2022.

Id-data tal-istħarriġ turi li SURE appoġġa l-attività tas-setturi ekonomiċi l-aktar affettwati mill-pandemija fl-2021. L-Istħarriġ tal-UE dwar in-Negozji u l-Konsumaturi wera li s-setturi tas-servizzi l-aktar affettwati mill-COVID-19 fi Stati Membri benefiċjarji ta' SURE (akkomodazzjoni, ikel u xorb, aġenziji tal-ivvjaġġar, attivitajiet sportivi u servizzi personali


²⁹ Madankollu, ta' min jinnota li n-natura tal-kriżi finanzjarja globali, speċifikament, id-diżingranaġġ f'daqqa li din sfurzata fis-settur privat, ħolqot konsegwenzi partikolarment kbar għall-attività u għall-impjiegi, irrispettivament mill-miżuri ta' appoġġ għall-impjiegi li setgħu ġew adottati.

³⁰ Madankollu, l-irkupru ma kienx uniformi. L-impjiegi f'setturi intensivi fil-kuntatt kienu jirrappreżentaw il-biċċa l-kbira tat-tkabbir, filwaqt li l-impjiegi fil-manifattura staġnaw. Barra minn hekk, il-livelli ta' impjiegi għall-ħaddiema b'livell baxx ta' ħiliet għadhom lura.

³¹ Għal aktar dettalji ara l-Kummissjoni Ewropea (2022), *Quarterly Report on the Euro Area*, it-Taqsima III, Vol. 21, Nru 2. L-artiklu juri li SURE ma xekklix il-mobilità tal-forza tax-xogħol, li hija rilevanti għal riallokazzjoni effiċjenti tar-riżorsi wara t-tifqigħa tal-pandemija u l-effetti strutturali tagħha fuq l-ekonomija tal-UE.

oħrajn) komplew ibatu minn domanda u fiduċja batuti, b’mod partikolari, fl-ewwel nofs tal-2021 (Graff 17). B’kuntrast għal dan, il-manifattura kienet inqas affettwata mir-restrizzjonijiet fil-bidu tal-2021 u kellha prestazzjoni aħjar. Kif muri fil-Graff 17, is-setturi li jirrappreżentaw l-akbar sehem tan-nefqa ta’ SURE kienu s-servizzi tal-akkomodazzjoni u tal-ikel u l-kummerċ bl-ingrossa u bl-imnut, li jissuġġerixxi li SURE indirizza l-aktar ħtiġijiet urġenti billi jappoġġa s-setturi li ntlaqtu l-aktar³².

Graff 17: Domanda settorjali tas-servizzi u nefqa ta’ SURE



Sors: *EU Business and Consumer Survey Programme Lulju 2022; Rapportar mill-Istati Membri (Ġunju 2022)*
 Nota: Għas-servizzi, l-indiċi medju muri għall-akkomodazzjoni, l-ikel u x-xorb, l-aġenziji tal-ivvjaġġar, l-attivitatijiet sportivi u servizzi personali oħrajn.

3.3. L-effett finanzjarju dirett: iffrenkar stmat mir-rati tal-imgħax

Huwa stmat li l-Istati Membri ffrankaw total ta’ EUR 8,5 biljun fuq pagamenti tal-imgħax meta rċewew assistenza finanzjarja permezz ta’ SURE. Dan l-ammont huwa bbażat fuq l-ewwel tmien ħarġiet ta’ SURE, sal-iżborż tad-29 ta’ Marzu 2022³³ (Tabella 3). Għalhekk, l-iffrenkar stmat tal-imgħax x’aktarx jiżdied ma’ kwalunkwe żborż li jifdal. Dan l-iffrenkar ġie ġġenerat minħabba li s-self ta’ SURE offra lill-Istati Membri rati tal-imgħax aktar baxxi minn dawk li kienu jħallsu li kieku ħarġu dejn sovrani huma stess, u dan fuq perjodu medju ta’ kważi 15-il sena³⁴. Dan huwa minħabba l-klassifikazzjoni tal-kreditu b’saħħitha tal-UE u l-likwidità tal-

³² Dan jidher li jissuġġerixxi li SURE primarjament ipprova l-appoġġ meħtieġ. Kif ġie nnutat fin-nota 31 f’qiegħ il-paġna, l-artiklu dwar il-*Quarterly Report on the Euro Area 2022* jiżviluppa l-punt li ma hemm l-ebda evidenza li SURE fixkel l-irkupru b’appoġġ bla bżonn għall-kumpaniji, bir-riżultat li fixkel il-mobilità tal-forza tax-xogħol u skoraġġixxa riallokazzjoni effiċjenti.

³³ Aktar dettalji dwar il-metodoloġija jistgħu jinstabu fit-Taqsima III tal-*Quarterly Report on the Euro Area* Vol. 20, Nru 2 (2021).

³⁴ Dawn l-istimi jeskludu kwalunkwe effett ta’ fiduċja addizzjonali possibbli li strumenti ta’ emerġenza ġodda, inkluż SURE, seta’ kellhom fuq il-fiduċja tal-aġenti ekonomiċi u l-firxa tar-rata tal-imgħax għat-teħid ta’ self sovrani

bonds ta' SURE³⁵. L-akbar iffrankar ġie rreġistrat mill-Istati Membri bi klassifikazzjonijiet tal-kreditu aktar baxxi.

Tabella 3: Iffrankar mir-Rati tal-Imgħax skont l-Istat Membru

Stat Membru	Ammont żborżat (biljuni ta' EUR)	Firxa medja	Maturità medja	Iffrankar mill-imgħax (biljuni ta' EUR)	Iffrankar mill-imgħax (% tal-ammont żborżat)
Il-Belġju	8,2	0,06	14,7	0,14	1,7
Ċipru	0,6	0,62	14,7	0,06	9,5
Il-Greċja	5,3	0,73	14,5	0,51	9,7
Spanja	21,3	0,44	14,7	1,58	7,4
Il-Kroazja	1,0	1,11	14,3	0,16	15,3
L-	0,7	1,80	14,8	0,15	22,5
L-Italja	27,4	0,96	14,8	3,76	13,7
Il-Litwanja	1,0	0,04	14,7	0,00	0,5
Il-Latvja	0,3	0,10	14,6	0,00	1,6
Malta	0,4	0,56	14,6	0,04	8,4
Il-Polonja	9,7	0,48	13,3	0,63	6,5
Il-Portugall	5,9	0,47	14,7	0,41	7,0
Ir-	3,0	2,27	14,6	0,85	28,4
Is-Slovenja	1,1	0,23	14,8	0,05	4,3
Is-	0,6	0,09	14,9	0,01	1,3
Il-Bulgarija	0,5	0,37	15,0	0,03	6,6
L-Irlanda	2,5	0,11	14,7	0,05	2,1
Iċ-Ċekja	2,0	0,23	10,1	0,04	1,9
L-	0,2	0,00	15,0	0,00	0,0
Total	91,8	0,64	14,5	8,48	9,2

Nota: L-iffrankar mill-imgħax jinħadem bond b'bond, u ttotalizzat bid-dati tal-ħruġ u l-maturitajiet.

* L-Ungerija ħarġet biss żewġ bonds iddenominati f'euro ta' 10 snin u 30 sena mill-2020, it-tnejn f'Novembru 2020. Bl-użu ta' dawn iż-żewġ bonds, il-firxa bejn il-kurva tar-rendiment fil-munita nazzjonali u l-euro ġiet estrapolata f'maturitajiet oħrajn u f'dati ta' ħruġ oħrajn.

** L-Estonja ħarġet bond wieħed biss ta' 10 snin pendenti, ma kien hemm l-ebda data disponibbli għal maturitajiet oħrajn. Il-firxa tal-bond soċjali SURE tal-UE f'dawn il-maturitajiet l-oħrajn hija preżunta li hija qrib iż-żero.

tal-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jnaqqsu l-volum tal-ħruġ sovrani tagħhom stess f'dawk il-perjodi ta' finanzjament, li x'aktarx tejbu l-kundizzjonijiet li jistgħu jiksbu b'dak il-ħruġ.

³⁵ L-UE għandha klassifikazzjoni AAA minn Fitch, Moody's, DBRS u Scope u AA (prospettiva stabbli) minn Standard and Poor's.

IV. IL-KONTINWAZZJONI TAL-OKKORRENZI EĊĊEZZJONALI LI JIĠĠUSTIFIKAW L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT SURE

Din it-taqsimha tirrapporta dwar il-kontinwazzjoni tal-okkorrenzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-applikazzjoni tal-istrument SURE, kif meħtieġ mir-Regolament SURE³⁶.

Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kważi neħħew kompletament ir-restrizzjonijiet relatati mal-COVID-19 matul l-2022, fis-sajf tal-2022 infirxet mewġa ġdida madwar l-Ewropa. Peress li hāreġ biċ-ċar li t-theddida kkawżata mill-varjant Omicron kienet inqas akuta meta mqabbla ma' razez preċedenti tal-COVID-19, l-Istati Membri llaxkaw il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' konteniment li kien fadal tagħhom b'pass li jvarja matul ir-rebbiegħa 2022. Madankollu, fis-sajf tal-2022 infirxet mewġa ġdida madwar l-Ewropa li waslet għal żieda mġedda fir-rati tat-trażmissjoni, fl-ammissjonijiet fl-isptarijiet u f'imwiet. Skont iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC), din il-mewġa issa tidher li qed taqbeż l-eqqel tagħha fil-pajjiżi kollha tal-UE, wara li qabel kienet għaddiet mill-Punent għal-Lvant³⁷. Mit-28 ta' Awwissu 2022, it-trażmissjoni kienet qed tonqos fl-UE/fiż-ŻEE, bir-rata ġenerali tan-notifika tal-każijiet tonqos b'14 % meta mqabbla mal-ġimgħa ta' qabel, għalkemm tibqa' relattivament għolja. Ir-rata aggregata ta' mwiet mill-COVID-19 ta' 14-il jum ilha tonqos għal erba' ġimgħat, iżda żdiedet f'żewġ Stati Membri.

Filwaqt li l-miżuri ta' emerġenza temporanji tal-COVID-19 huma mistennija li jitneħħew dejjem aktar gradwalment, feġġa mill-ġdid tal-pandemija tal-COVID-19 fl-UE tibqa' ta' riskju aktar ma jgħaddi ż-żmien. Fost l-oħrajn, l-inverżjoni ppjanata tal-miżuri ta' emerġenza temporanji tal-COVID-19 tirrifletti l-kampanja ta' tilqim b'suċċess fl-UE, ir-razez inqas aggressivi tal-COVID-19 li saru dominanti u l-adattament tal-ekonomiji għall-bidliet ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, matul il-ħarifa tal-2022 jew ix-xitwa tal-2023 il-possibbiltà li l-pandemija terġa' taqbad ma għandhiex tiġi eskluża fl-UE, u dan iwassal għal tfixkil mill-ġdid fl-ekonomija³⁸.

L-assistenza finanzjarja li jifdal ta' SURE se tibqa' disponibbli sal-31 ta' Diċembru 2022. Madwar EUR 6,7 biljun jibqgħu disponibbli. Madankollu, dan l-ammont x'aktarx li jonqos b'mod sinifikanti sal-aħħar tal-2022, peress li diversi Stati Membri esprimew interess li jirċievu assistenza finanzjarja addizzjonali taħt SURE.

³⁶ L-Artikolu 14(1) tar-Regolament SURE. Skont l-Artikolu 12(3) tar-Regolament SURE, il-perjodu ta' disponibbiltà tal-Istrument li matulu tista' tiġi adottata CID għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2022. Skont l-Artikolu 12(4), meta l-Kummissjoni tikkonkludi fir-rapport ta' implimentazzjoni tagħha li għadu jeżisti t-tfixkil ekonomiku serju kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19 li jaffettwa l-finanzjament tal-miżuri eliġibbli, il-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jestendi l-perjodu ta' disponibbiltà tal-Istrument, kull darba għal perjodu addizzjonali ta' sitt xhur.

³⁷ Ara r-rapport ġenerali tal-pajjiżi tal-ECDC, ġimgħa 34 (li tintemm fit-28 ta' Awwissu) 2022: <https://covid19-country-overviews.ecdc.europa.eu/index.html>

³⁸ F'termini ta' prospettiva ekonomika, ir-riskju ta' tnaqqis relatat mal-possibbiltà li l-virus jerġa' jaqbad ikun aggravat mill-inċertezza ekonomika u politika akbar relatata mal-isfidi l-ġodda li jirriżultaw mill-invażjoni Russa fl-Ukrajna, inkluż, u bl-aktar mod prominenti, iż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija.

V. OBBLIGI TA' RAPPORTAR FL-AMBITU TAL-QAFAS GĦALL-BONDS SOĊJALI TA' SURE TAL-UE

Dan ir-rapport imur lil hinn mill-obbligu ta' rapportar tar-regolament SURE, u jikkonforma wkoll mal-obbligu ta' rapportar skont il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE³⁹. Dan tal-aħħar jirrikjedi rapportar dwar l-allokkazzjoni tar-rikavati minn SURE, it-tip ta' nefqa u l-impatt ta' SURE.

Id-diżaggregazzjoni tar-rikavati ta' SURE skont l-Istat Membru benefiċjarju u skont it-tip ta' Nefqa Soċjali Eliġibbli hija pprovduta fit-Taqsimiet 1.1 u 2.2, rispettivament. F'Ġunju 2022, aktar minn 98 % tat-EUR 93,3 biljun allokatu kienu ġew żborżati lill-Istati Membri u 99 % minnhom diġà kienu ntnefqu.

In-nefqa pubblika ta' SURE għadha allinjata tajjeb mal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tan-NU. Diżaggregazzjoni tan-nefqa pubblika ffinanzjata minn SURE skont in-nefqa soċjali eliġibbli, kif deskritt fil-Qafas għall-Bonds Soċjali, turi li 97 % jintnefqu fuq it-tnaqqis tar-riskju tal-qgħad u t-telf tal-introjtu. Kif jidher fil-Graff 18, dan jappoġġa l-SDG 8 (Xogħol Deċenti u Tkabbir Ekonomiku). It-3 % li jifdal jintnefqu fuq miżuri relatati mas-saħħa, dan jappoġġa l-SDG 3 (Saħħa Tajba u Benesseri).

L-impatt ta' SURE huwa rrapportat fit-Taqsima 2.3 u fit-Taqsima 3. Huma pprovduti stimi tal-għadd ta' persuni u ditti appoġġati minn SURE għall-2020, għall-2021 u għall-2022. SURE kkontribwixxa għall-protezzjoni ta' madwar 1,5 miljun impjieg li ġew salvati fl-2020, kif muri fit-Taqsima 3.1. SURE ntwera li appoġġa l-irkupru tat-tkabbir fl-2021 u fl-2022, kif muri fit-Taqsima 3.2. Huwa stmat li l-Istati Membri sa issa ffrankaw EUR 8,5 biljun f'pagamenti tal-imgħax, kif muri fit-Taqsima 3.3.


Graff 18: Qafas għall-Bonds Soċjali u mmappjar tal-SDGs

³⁹ Il-Qafas għall-Bonds Soċjali ta' SURE tal-UE jiddefinixxi standard, li jipprovdi lill-investituri b'assigurazzjonijiet li l-bonds tal-UE maħruġa f'dan il-qafas huma relatati ma' proġetti li jaqdu għan soċjali reali. Għalhekk, il-qafas huwa konformi mal-prinċipji tal-Bonds Soċjali tal-ICMA, jiġifieri (i) l-użu tar-rikavati; (ii) il-proċess għall-evalwazzjoni u għall-għażla tal-proġetti; (iii) il-ġestjoni tar-rikavati u (iv) ir-rapportar. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara: [eu_sure_social_bond_framework.pdf \(europa.eu\)](https://europa.eu/eu_sure_social_bond_framework.pdf)

*SDG 3: Saħħa
Tajba u
Bennesseri*



Nefqa fuq
miżuri
relatati mas-
saħħa, b'mod
partikolari
fuq il-post
tax-xogħol
3%



*SDG 8:
Xogħol
Deċenti u
Tkabbir
Ekonomik
u*

Nefqa biex
jitnaqqas ir-
riskju ta'
qgħad u telf
ta' introjtu
97%

ANNEX: Aktar dettalji dwar tranżazzjonijiet u żborżi ta' SURE

Tabella A1: Żborżi lill-Istati Membri permezz ta' SURE (f'biljun ta' EUR)

Pajjiż	Total tal-ammont ta' self	L-1 ^{el} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 20.10.2020 Żborż: 27.10.2020			It-2 ⁿⁱ ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 10.11.2020 Żborż: 17.11.2020			It-3 ^{ed} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 24.11.2020 Żborż: 1.12.2020			Ir-4 ^a ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 26.1.2021 Żborż: 2.2.2021			Il-5 ^{es} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 9.3.2021 Żborż: 16.3.2021			Is-6 ^{ta} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 23.3.2021 Żborż: 30.3.2021			Is-7 ^{ba} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 18.5.2021 Żborż: 25.5.2021			It-8 ^{en} ħruġ ta' SURE mill-UE Tranżazzjoni: 22.3.2022 Żborż: 29.3.2021			Total Żborżati	% tat-total mitlub	Maturità medja
		10 snin	20 sena	Total	5 snin	30 sena	Total	15-il sena	7 snin	30 sena	Total	15-il sena	5 snin	25 sena	Total	8 snin	25,6 sena	Total	15-il sena									
Il-Belġju	8,2							2,0	1,3	0,7	2,0				1,3	0,9	2,2	1,1	0,9	2,0				8,2	100 %	14,7		
Il-Bulgarija	0,5																	0,3	0,2	0,5				0,5	100 %	15,0		
Il-Kroazja	1,0				0,3	0,2	0,5							0,5										1,0	100 %	14,3		
Ċipru	0,6				0,2	0,1	0,3				0,2	0,1	0,2					0,1	0,0	0,1				0,6	100 %	14,7		
Iċ-Ċekja	2,0													1,0	1,0		1,0							2,0	100 %	10,1		
L-Estonja	0,2																	0,1	0,1	0,2				0,2	100 %	15,0		
Il-Greċja	5,3				1,0	1,0	2,0				0,7		0,7					1,6	0,9	2,5				5,3	100 %	14,5		
L-Ungerija	0,7							0,2	0,2	0,1	0,3												0,1	0,7	100 %	14,8		
L-Irlanda	2,5														1,3	1,2	2,5							2,5	100 %	14,7		
L-Italja	27,4	5,5	4,5	10,0	3,1	3,4	6,5				4,5		4,5	3,9	0,7	1,2	1,9		0,8	0,8				27,4	100 %	14,8		
Il-Latvja	0,3				0,1	0,0	0,1				0,0	0,0	0,1					0,1	0,0	0,1				0,3	100 %	14,6		
Il-Litwanja	1,0				0,2	0,1	0,3							0,3				0,2	0,2	0,4				1,0	100 %	14,7		
Malta	0,4				0,1	0,0	0,1							0,1				0,1	0,1	0,2				0,4	100 %	14,6		
Il-Polonja	11,2	1,0	0,0	1,0							2,6	1,7	4,3		1,4		1,4	1,1	0,5	1,6	1,5		9,7	87 %	13,3			
Il-Portugall	5,9							3,0										1,5	0,9	2,4	0,5		5,9	100 %	14,7			
Ir-Rumanija	3,0							3,0															3,0	100 %	14,6			
Is-Slovakkja	0,6							0,3						0,3									0,6	100 %	14,9			

a																							
Is-Slovenja	1,1				0,2	0,0	0,2			0,5	0,4	0,9									1,1	100 %	14,8
Spanja	21,3	3,5	2,5	6,0	2,9	1,2	4,0				1,0	1,0	2,9	2,4	1,7	4,1	1,9	1,4	3,4		21,3	100 %	14,7
Total	93,3	10,0	7,0	17,0	8,0	6,0	14,0	8,5	10,0	4,0	14,0	9,0	8,0	5,0	13,0	8,1	6,0	14,1	2,2	91,2	98 %	14,5	

Tabella A2: Statistiki ewlenin tat-Tranżazzjonijiet tas-Self tal-UE permezz ta' SURE (EUR)

	SURE #8 (Marzu 2022)
Segment	15-il sena
Daqs tal-bond	2,17 biljun
Rendiment	1,199 %
Firxa	MS-8bps
Firxa għal Bund (bps)	55,9
Firxa għal OAT (bps)	4,9
Konċessjoni ta' Ħruġ Ġdid	1 bps
Domanda totali tal-investituri	35 biljun

Nota: Dawn l-istatistiki jirreferu għas-selfiet tal-Kummissjoni f'isem l-Unjoni. Il-konċessjoni ta' ħruġ ġdid tirreferi għall-primjum imħallas lill-investituri li jixtru bond ta' ħruġ ġdid 'il fuq mill-firxa li fiha l-bonds korrispondenti jkunu mistennija li jiġu nnegozjati fis-suq sekondarju.